MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' April, 2018

Rikors Maħluf Numru 534/16LM

**John Mallia (K.I. 176764M)**

***vs.***

**Kevin Fiorini (K.I. 0192980M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-4 ta' Lulju, 2016 mill-attur **John Mallia** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

<u>*Dikjarazzjoni*</u>

*1. Illi ll-esponenti John Mallia, fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13.31 p.m.), waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Toyota Yaris b'numru ta' reġistrazzjoni GBN 254 fi Triq id-Dolmen Marsascala, kien involut f'inċident tat-traffiku ma' vettura tat-tip Toyota Starlet b'numru ta' reġistrazzjoni IBG 279 misjuqa mill-intimat Kevin Fiorini detentur*

*tal-karta tal-identità numru 0192980M. L-RAR tal-inċident de quo huwa hawn anness u immarkat bħala Dok. A*[1]*;*

*2. Illi l-inċident stradali de quo seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat illi, mingħajr ma ħa d-dovuti kawteli, qabad u ħareġ minn ġo parking bay fit-Triq id-Dolmen, Marsascala, waqt li r-rikorrent kien għaddej fi triqtu fl-istess triq;*

*3. Illi riżultat ta' dan l-inċident stradali, l-esponent safa imweġġa' gravament, u ser jibqa' permanentement debilitat riżultat ta' dan l-inċident tat-traffiku, kif konfermat mir-rapport mediku ta' Mr. Jason Zammit hawn anness u mmarkat bħala Dok. B*[2]*, u dan oltre id-danni materjali minnu wkoll sofferti, kif jikkonfermaw l-annessi irċevuti mmarkati bħala Dok. C - F*[3]*;*

*4. Illi l-intimat bl-ebda mod m'għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

*5. Illi l-esponenti bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali msemmi.*

*__Raġuni tat-Talba__*

*1. Illi ll-esponenti John Mallia, fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13.31p.m.), waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Toyota Yaris b'numru ta' reġistrazzjoni GBN 254 fi Triq id-Dolmen Marsascala, kien involut f'inċident tat-traffiku ma' vettura tat-tip Toyota Starlet b'numru ta' reġistrazzjoni IBG 279 misjuqa mill-intimat Kevin Fiorini detentur tal-karta tal-identità numru 0192980M. L-RAR tal-inċident de quo huwa hawn anness u immarkat bħala Dok. A;*

*2. Illi l-inċident stradali de quo seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat illi, mingħajr ma ħa d-dovuti kawteli, qabad u ħareġ minn ġo parking bay fit-Triq id-Dolmen Marsascala, waqt li r-rikorrent kien għaddej fi triqtu fl-istess triq;*

*3. Illi riżultat ta' dan l-inċident stradali, l-esponent safa imweġġa' gravament, u ser jibqa' permanentement debilitat riżultat ta' dan l-inċident tat-traffiku, kif konfermat*

[1] *A fol.* 4 l-i*sketch* u *a fol.* 5 sa 21 ir-rapport.
[2] *A fol.* 21 u 22, datat 17.02.2016.
[3] *A fol.* 23 u 24 rispettivament.

*mir-rapport mediku ta' Mr. Jason Zammit hawn anness u mmarkat bħala Dok. B, u dan oltre id-danni materjali minu wkoll sofferti, kif jikkonfermaw l-annessi irċevuti mmarkati bħala Dok. C - F;*

4. *Illi l-intimat bl-ebda mod m'għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

5. *Illi l-esponenti bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali msemmi.*

***<u>Talbiet</u>***

*Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjarah responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), fi Triq id-Dolmen Marsascala, u għad-danni li b'riżultat tal-istess sofra r-rikorrent;*

2. *Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundannah iħallas lir-rikorrenti dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bħala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali maħruġa illum kontra l-assigurazzjoni tal-intimat u bl-imgħax skont il-Liġi kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Kevin Fiorini** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fit-18 ta' Lulju, 2016, li biha eċċepixxa:

1. *Illi huwa minnu illi fl-14 ta' Diċembru 2014 waqt li l-esponenti kien qed isuq il-vettura tiegħu numru IBG 279 ġewwa Triq id-Dolmen M'Scala huwa kien involut f'inċident tat-traffiku ma' John Mallia.*

2. *Illi m'huwiex minnu li dan l-inċident ġara tort u ħtija tal-esponenti, Kevin Fiorini, u dana kif qed isostni l-attur, iżda ġara unikament tort u ħtija tal-istess attur minħabba veloċità eċċessiva li wasslet għall-istess inċident.*

3. *Illi l-attur kien qed isuq b'mod l-aktar negliġenti u imprudenti, bir-riżultata li ġara l-inċident u dan kif sejjer jiġi spjegat aħjar tul il-mori tal-kawża.*

4. *Illi huwa minnu li l-attur korra f'dan l-inċident, iżda l-esponenti mhuwiex responsabbli għad-danni li l-attur seta' sofra konsegwenza ta' dan l-inċident, billi kif intqal, l-inċident ġara unikament tort u ħtija tal-istess attur.*

5. *Illi in vista tas-suespost it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti għandhom kollha jiġu miċħuda bl-ispejjes.*

6. *Salve eċċezzjoni(jiet) oħra permessi mil-liġi, partikolarment dawk relatati mat-talba ta' likwidazzjoni tad-danni billi l-ammont pretiż mhux indikat.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Ottubru, 2016 fejn fuq talba tal-avukati tal-partijiet il-Qorti ħatret lil Mr Frederick Zammit Maempel bħala espert mediku, biex wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident imsemmi fir-Rikors Maħluf fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Marzu,2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Skont l-attur, il-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fl-14 ta' Diċembru, 2014 fis-13.30 fi Triq id-Dolmen, Marsascala, meta l-konvenut li kien ipparkjat f'*parking bay,* b'mod inkonsult b'imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku ħareġ fit-triq minn fejn kien għaddej l-attur, u kkawża l-inċident. Min-naħa tiegħu l-konvenut isostni li kien l-attur unikament responsabbli għall-inċident minħabba sewqan eċċessiv.

## Provi u riżultanzi

*Provi dwar id-dinamika u responsabbilità tal-inċident:*

Ix-xhud **PS 329 Reuben Saliba**[4], mill-għassa ta' Marsascala, ikkonferma l-*isketch*[5] li kien għamel hu stess, fejn ġie indikat li apparti l-vetturi tal-konvenut u tal-attur, erba' vetturi oħrajn li kienu ipparkjati sofrew danni, tnejn fuq kull naħa tat-triq. L-i*sketch* juri l-pożizzjoni tal-vetturi tal-partijiet kif sabhom ix-xhud wara l-inċident. Ix-xhud esebixxa l-*full road traffic accident report* dwar l-inċident inkwistjoni.[6] Ix-xhud għamel riferiment għall-*affidavit* tiegħu stess[7] li ħalef *seduta stante* u spjega li meta wasal fuq il-post tal-inċident ħa d-dikjarazzjoni tal-konvenut, li tgħid:

---

[4] *A fol.* 38 sa 41.
[5] *A fol.* 4.
[6] *A fol.* 43 sa 59.
[7] *A fol.* 60 sa 63.

> "Jien kont ipparkjat quddiem il-garaxx ma' ġenb ir-residenza numru 40, iċċekjajt mill-mera u ma rajt lil ħadd ġej, qbadt ħiereġ bil-mod u l-vettura daħlet fija u kaxkritni diversi metri."[8]

Is-surġent Saliba qal ukoll li għalkemm l-attur kien imweġġa', kien f'sensih u għamel dikjarazzjoni dak il-ħin ukoll, li tgħid:

> "Jien kont ġej nipproċedi fi Triq id-Dolmen u ħariġli, ksirt fuq il-lemin biex nevitah u nqlibt. Ma kontx ġej b'veloċità, fil-fatt ħriġt mit-triq ta' qabel (Triq ix-Xmiel)".[9]

Fir-rapport tal-Pulizija jingħad[10] li mal-ħabta l-vettura tal-attur inqalbet u ż-żewġ vetturi ħabtu ma' erba' vetturi oħra li kienu pparkjati fit-triq li ġarrbu ħsarat fl-istess inċident. L-attur irriżulta li kellu ġrieħi gravi. Il-konvenut li ma weġġax fl-inċident kellu żewġ passiġġiera fil-vettura tiegħu li wkoll ma weġġgħux, Alfred Edwards fuq wara, u Anthony Sciberras fuq quddiem. Alfred Edwards fid-dikjarazzjoni li ta lill-Pulizija fuq il-post tal-inċident qal illi "kif konna ħerġin mill-*parking* smajt bumm u kaxkarna u rajt il-karozza fuq il-ġenb".[11] Anthony Sciberras fid-dikjarazzjoni li għamel lill-Pulizija qal "dħalna fil-karozza, kif dorna biex noħorġu, ħassejt daqqa sewwa u rajt il-karozzi jogħlew".[12] Skont ir-rapport tal-Pulizija l-ħsara li kien hemm viżibbli fuq il-vettura tal-attur kienet fuq in-naħat kollha, inkluż is-saqaf, ħlief għall-*bumper* ta' wara. Il-vettura tal-konvenut kellha bħala ħsarat viżibbli daqqiet fuq il-*front right wing* u r-*right headlights*, u fuq in-naħa tax-xellug kellha ħsarat fuq il-*back* u *front left doors, front left wheel* u *front left wing,* kif ukoll fuq il-*bumper* ta' quddiem. Fir-rapport tal-Pulizija jingħad illi ġew ikkonstatati diversi

[8] *A fol.* 47.
[9] *A fol.* 45.
[10] *A fol.* 58 u 59.
[11] *A fol.* 48.
[12] *Ibid.*

vjolazzjonijiet tar-regolamenti tat-traffiku u nħarġu *charges* kemm kontra l-attur u kemm kontra l-konvenut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Is-surġent Saliba fl-*affidavit* tiegħu jgħid li fuq il-post tal-inċident ma kienx hemm *brake marks.* Ix-xhud jgħid li l-konvenut qallu wkoll li biex hu ma lemaħx lill-attur meta ħares fil-mera iżda laqtu kif dan ħareġ, sinjal li l-attur kien ġej b'veloċità eċċessiva. Is-surgent Saliba jgħid però li l-attur innega li kien ġej b'veloċità qawwija. Fl-i*sketch* tal-Pulizija ġie indikat li l-vettura tal-attur spiċċat fit-triq ftit 'il fuq minn dik tal-konvenut. In kontroeżami[13], is-surġent Saliba jgħid li f'dik il-parti tat-triq fejn seħħet il-ħabta, it-triq hija dritta, imma aktar 'l fuq però it-triq tikser fuq il-lemin. Ix-xhud jgħid li jekk ikun hemm karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq, kif kienu dakinhar tal-inċident, it-triq hija ta' karreġġjata waħda fin-nofs[14]. Ix-xhud ikkonferma li l-konvenut kien ipparkjat fuq ix-xellug tat-triq mid-direzzjoni li kien ġej l-attur.

L-attur **John Mallia** xehed[15] li dakinhar tal-inċident kien sejjer lura d-dar Marsascala. Esebixxa ħames ritratti[16] biex jispjega t-traġitt li għamel qabel il-ħabta. L-attur jgħid li kiser fuq il-lemin għat-telgħa li hija Triq ix-Xmiel u reġa' kiser fuq il-lemin biex jidħol fi Triq id-Dolmen, li tidher dritta. Kif kien fin-nofs ta' dik it-triq, qiesu tul ta' ħames jew sitt karozzi, ħariġlu l-konvenut f'daqqa. L-attur ipprova jevitah billi kiser għal-lemin, però nqabad it-*tyre* ta' quddiem tiegħu tax-xellug mat-*tyre* ta' quddiem tal-konvenut u din ġiet qiesha rampa u

[13] *A fol.* 41 u 42.
[14] Mir-ritratti esebiti mill-attur jirriżulta li hemm *parking bays* fuq iż-żewġ naħat tat-triq.
[15] *A fol.* 113 sa 118.
[16] *A fol.* 119.

peress il-konvenut baqa' ħiereġ, hu ġie fuq żewġ roti bit-tidwira li għamel biex jevitah u ħabat ma' karozza fuq il-lemin tiegħu u spiċċa fuq ġenb wieħed.

Il-konvenut, **Kevin Fiorini** xehed[17] li kien ipparkjat u kif kien ser joħroġ, ħares mill-mera u ma rax karozzi, iżda kif kien ħareġ qisu nofs il-karozza, daħlet il-karozza tal-attur fil-karozza tiegħu. Il-konvenut jgħid li l-vettura tal-attur kienet ġejja b'veloċità mhux ħażin għax kieku ma kinitx tinqaleb bl-impatt. Fiorini jgħid li l-vettura tal-attur kaxkret il-vettura tiegħu ma' karozzi pparkjati fuq in-naħa tiegħu u l-vettura tal-attur baqgħet dieħla f'vetturi oħrajn fuq in-naħa tal-attur u l-vettura tal-attur inqalbet.

In kontroeżami[18], mistoqsi jekk meta sar l-impatt hu kien għadu kif ħiereġ, il-konvenut wieġeb "iva, kont nofsni barra."

*Provi dwar danni sofferti mill-attur*

*Damnum emergens*:

Xehed **John Leonard**[19], rappreżentant tas-soċjetà Engineering Resources Limited, fejn kien impjegat l-attur. L-attur kien ġie trasferit ma' din is-soċjetà minn mal-Korporazzjoni Enemalta fil-25 ta' Awwissu, 2014[20]. Bħala *Head of Payroll* ix-xhud iċċertifika[21] abbażi tad-dokumentazzjoni li esebixxa[22], li l-attur

[17] *A fol.* 125.
[18] *Ibid.*
[19] *A fol.* 64 u 65.
[20] *A fol.* 99.
[21] Ittra *a fol.* 69 datata 24.10.2016.
[22] Korrispondenza *a fol.* 71 sa 79, *payslips* li juru it-telf ta' dħul tal-attur f'*shift premiums* u deduzzjonijiet fuq *half pay sick leave, a fol.* 81 sa 88, u *attendance records a fol.* 99B sa 104.

tilef is-somma ta' €3,447.61 bħala *shift premiums* minħabba *sick leave* li kellu jieħu bejn is-16 ta' Diċembru 2014 u l-14 ta' Ġunju, 2015 u tnaqsu wkoll mis-salarju tiegħu s-somma ta' €1,006.62 minħabba *sick leave* li kellu jieħu fuq nofs paga bejn is-7 ta' Mejju, 2015 u t-13 ta' Ġunju, 2015 għal total ta' €4,454.23.

In kontroeżami[23] John Leonard, spjega li peress l-attur kien *shift worker,* kien jieħu *allowance* meta kien jaħdem bil-lejl u s-*shift allowance* li huwa tilef ġiet ikkalkulata fl-ammonti msemmija. Kien ilu jirċievi dawn l-*allowances* mill-inqas għoxrin sena.

L-attur, **John Mallia** esebixxa mar-Rikors Maħluf tiegħu l-kont għas-somma ta' €240[24] tal-kirurgu ortopediku Jason Zammit, li kien inkarigat mill-attur biex jikkonstata d-diżabilità permanenti li sofra konsegwenza tal-inċident, kif ukoll kontijiet[25] tal-Isptar St. James Hospital fis-somma totali ta' €146.

Ġie esebit ukoll il-kont għar-rapport tal-espert mediku inkarigat mill-Qorti, il-kirurgu ortopediku Frederick Zammit Maempel[26] għas-somma ta' €230.

*Lucrum cessans:*

Skont ir-rapport tal-kirurgu ortopediku Mr Jason Zammit, inkarigat *ex parte* mill-attur, datat 17 ta' Frar, 2016, l-attur sofra diżabilità permanenti ta' 11% u dan minħabba ċertu movimenti limitati fis-saba' l-werrej tal-id il-leminija

[23] *A fol.* 65.
[24] *A fol.* 23.
[25] Tliet irċevuti ta' €55.00 datati 09.05.2015, ta' €55.00 datata 09.06.2015 u ta' €36 datata 17.02.2016 – total ta' €146.00, li jinsabu esebiti *a fol.* 24.
[26] *A fol.* 34 u 111.

tiegħu u fl-istess id tal-attur b'mod generali u minħabba *"reduced sensation over distribution of median nerve."*

L-espert mediku inkarigat mill-Qorti, li la saret l-eskussjoni tiegħu u lanqas saret talba biex jiġu maħtura periti perizjuri in segwitu għar-rapport tiegħu, Mr Frederick Zammit Maempel għamel eżami mediku fuq l-attur u rapport aktar reċenti[27] u kkonstata li l-attur kellu diżabilità permanenti ta' 10% b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

*Ir-rapport tal-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel*[28]

Wara li ddeskriva l-ilmenti li kellu l-attur wara l-inċident *de quo* u wara li eżaminah ukoll fid-dettal u ċċekkja l-*x-rays* li kienu ttieħdu l-Isptar Mater Dei fid-data tal-inċident u ritratti oħrajn meħudin fis-17 ta' Awwissu, 2015, l-espert mediku Mr Frederick Zammit Maempel wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

> "Jiena eżaminajt lis-sur John Mallia 22 xahar wara l-inċident. Huwa ġarrab *crush injury* serja fil-pala ta' idu dominanti, ċjoè dik tal-lemin, b'riżultat li l-ġilda ta' nofs il-pala ggangranizzat u ġiet sostitwita minn ġilda barranija (*skin graft*). L-eżami juri li saret ħsara lin-nerv diġitali tas-saba' il-werrej u lill-għerq (*tendon*) *"flexor digitorum superficialis"* tal-istess saba'. Din il-*"crush injury"* kellu l-effett ukoll fuq xi ġogi tas-saba' l-kbir, il-werrej u ż-żgħir li allura tilfu xi ftit tal-moviment. Il-ġilda barranija skulurita hija ratba aktar minn ġilda normali li tinstab fil-pala, u m'għandhiex il-*"cushioning"* taħtha li normalment jinsab fil-pala u lanqas m'għandha sensazzjoni normali u għalhekk ittellef xi ftit fil-funzjoni tal-id. Il-ġrieħi fiequ b'xi ftit ċikatrizzazzjoni u dan huwa

[27] Datat 28.10.2016. L-eżami mediku fuq l-attur li sar fl-25 ta' Ottubru, 2016.
[28] *A fol.* 105 sa 108.

> responsabbli għal medda (*stretch*) nieqsa b'terz tal-id leminija meta jagħmel xiber. Dan ukoll għandu effett negattiv fuq il-funzjoni tal-id. Il-kuntrast tal-kuluri fil-ġilda għandu effett fuq l-apparenza/kosmetika tal-id, però hemm tendenza li wieħed iżomm idejh magħluqa u allura il-biċċa l-kbira d-difett jinħeba. Jien mhinix tal-opinjoni li l-*"Foreign Body"*[29] li huwa mirdum fil-muskoli tas-saba' l-kbir qed jikkawża xi sintomi jew nuqqas. In-nuqqas żgħir fil-moviment tal-polz lanqas ma jtellef fl-użu tal-id fil-ħajja ta' kuljum.
>
> B'konklużjoni, is-sur John Mallia ġarrab diżabilità permanenti stmata ta' 10% (għaxra fil-mija) bħala riżultata tal-inċident ta' Diċembru 2014."

Mid-dokumentazzjoni ppreżentata minn John Leonard jirriżulta mill-FS3 għas-snin 2012 sa 2016[30] u skont tabella komparattiva għal dawn is-snin[31], l-attur kellu dħul *gross* fl-2012 ta' €32,314, fl-2013 ta' €24,280, fl-2014 ta' €25,493 u fl-2016 ta' €22,398.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

*Responsabbilità għall-inċident*

Dan hu każ tipiku fejn il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin. Skont il-verżjoni tal-konvenut huwa kien attent u ħares mill-mera qabel ma ħareġ mill-parkeġġ għat-triq u ma ra lill-ħadd ġej. Iżda l-attur tant kien ġej b'veloċità għolja, li sakemm hu kien għadu biss ħareġ nofs tul il-karozza tiegħu, l-attur laħqu u laqtu u kaxkru ma' żewġ karozzi pparkjati fuq in-naħa minn fejn ħareġ hu. Skont il-verżjoni tal-attur huwa kien għaddej b'veloċità normali fi Triq id-Dolmen u kien għadu kif dar

[29] Li jidher fl-*x-rays* tal-14.12.2014 fil-muskolatura li tinsab bejn l-ewwel u t-tieni għadma metakarpali.
[30] *A fol.* 90 sa 95.
[31] *A fol.* 97.

minn triq oħra t-tul ta' xi sitt karozzi, u kif kien għadda fi triqtu, ħareġ f'daqqa l-konvenut b'mod li l-attur kellu jagħmel manuvra lejn il-lemin tant mgħaġġla li laqat il-vettura tal-konvenut mar-rota, ħabat ma' vetturi oħrajn li kienu pparkjati u l-vettura tiegħu nqalbet fuq ġenbha.

F'każijiet bħal dawn il-Qorti trid bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza ta' probabbiltajiet u possibbilitajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant huwa u jasal għall-ġudizzju tiegħu. Meta jkun hemm konflitt bejn ix-xhieda mressqa mill-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet li jingħataw humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[32] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[33] Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin, anzi meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

Illi kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu

[32] App. Inf., 25.06.1980, **Borg *vs.* Bartolo.**

[33] Ara wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace** (Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App. Kum., 25.02.1952.

u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[34]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c.** ***noe vs*****. Victor Sammut** irreteniet illi:

"F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi esaminat liema waħda mit-tezijiet konfilinġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."[35]

Illi fis-sentenza **Brigitte Vella** ***pro et noe vs.*** **Richard Vella**[36] fil-fatt ġie kkonfermat li:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-

[34] **Carmelo Farrugia** ***vs*****. Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[35] Ara ukoll **Dr. Elizabeth Vella M.D.** ***vs.*** **Bieb Bieb Limited** ***et.***, P.A., 09.12.2011.
[36] Q.A., 05.10.2001.

passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinaiment tal-gudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[37] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, Pt.i, pġ.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, Pt.i, pġ.577**;

[37] App. Inf., 12.04.2007.

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App., 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez.Vol.XXIV. P.i, p.104."

Applikati dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, mill-Atti tal-kawża jirriżulta li fl-ewwel lok li ma tressqu l-ebda provi li l-attur kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva. Skont ir-rapport tal-Pulizija ma nstabu ebda *brake marks* fil-post tal-inċident u l-konvenut innifsu jiddeduċi li l-attur kien qed isuq b'veloċità eċċessiva mhux għax ikkonstata dan b'għajnejh jew għax sema' ħsejjes ta' vettura ġejja sparata, imma għax il-vettura tal-attur spiċċat fuq ġenba wara l-ħabta. Waqt id-depożizzjoni tiegħu l-konvenut jagħmel deduzzjoni oħra fis-sens li jekk l-attur kien qed isuq b'veloċità normali, sakemm (il-konvenut) ittawwal fil-mera u ħareġ mill-*parking bay*, l-attur ma kienx jilħqu u jolqtu bil-vettura tiegħu.

Illi kif inhu risaput il-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi u abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, illi min jallega jrid jipprova ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenut kien obbligat jipprova l-asserzjonijiet u d-deduzzjonijiet tiegħu. Biss però l-konvenut mhux talli ma ppruvax id-deduzzjonijiet li jagħmel fix-xhieda tiegħu, anzi jinqabad f'ċerti kontradizzjonijiet. Fl-istqarrija li ta lill-Pulizija *a tempo vergine* fuq il-post tal-inċident, il-konvenut qal li mill-mera ma ra xejn iżda xorta intlaqat mill-vettura tal-attur kif ħareġ mill-*parking bay*. Imma mbagħad il-konvenut jgħid li lanqas meta l-attur laħqu ma induna bih. Din hi r-reazzjoni tipika ta' persuna li ma tkunx qed iżżomm *a proper lookout* meta tkun dieħla, liema *lookout* trid tinżamm fil-ħin kollu waqt li tkun ħierġa mill-parkeġġ għat-triq. Mhux biss, imma l-verżjoni tal-attur hi verosimili għax ladarba huwa daħal fi Triq id-Dolmen minn fetħa ta' triq oħra, Triq ix-Xmiel, xi sitt karozzi aktar 'il fuq minn fejn ħabtu, dan huwa indikattiv li l-attur ma setax tella' veloċità għolja sakemm seħħ l-inċident u li l-konvenut, li kellu viżwali tajba ta' Triq id-Dolmen li kienet relattivament dritta, ma żammx *a proper lookout* biex jiżgura li ma kienx ġej xi ħadd li ħareġ minn triq oħra għal Triq id-Dolmen. L-ebda wieħed miż-żewġ passiġġiera li kellu miegħu l-konvenut fil-vettura tiegħu ma telgħu jixhdu, iżda fl-istqarrija li taw lill-Pulizija ftit wara l-inċident, huma ma kinux ovvjament f'pożizzjoni li jaraw jekk kinux ġejjin karozzi, u wieħed mill-passiġġieri jgħid li kif kienu ħerġin sema' "bumm" u l-ieħor qal li "kif dorna biex noħorġu", daħlet karozza fihom. L-impatt seħħ hekk kif il-vettura tal-konvenut kienet għadha ħierġa mill-*parking* u dan fil-fatt jikkonfermah il-konvenut stess meta in kontroeżami ġie mistoqsi jekk mal-ħabta hu kienx għadu ħiereġ.

M'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jżomm *proper lookout*. Fil-fatt fil-każ **Dr Louis Bianchi *noe vs.* Michelle Cassar**[38], ingħad li:

> "Tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri...*omissis*...b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunikament tissejjaħ "*a reasonable lookout*" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."

Illi ġie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view'*[39] u li 'min ma jarax li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm *a proper* lookout'[40]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Newhaus N.D. *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd**[41] Qorti Ingliża kienet irriteniet illi:

> *"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi kif jgħid il-Gibb f' *"The Trial of Motor Car Accident Cases"*[42]*:*

> *"A motorist has a right to turn his car in the highway unless prohibited by some regulation. In doing so, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence if he turns his car to the right across the path of a vehicle approaching …*

---

[38] P.A., 06.11.1988.
[39] **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**, 10.08.1963.
[40] **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1964.
[41] 1968(1) SA 398 (A) f'405H-406A.
[42] Para. 85.

> *thus making it impossible for the driver of the other vehicle to avoid a collision."*

Għalkemm m'hemmx dubju li l-konvenut kellu l-obbligu li qabel ma jidħol fit-triq mill-*parking bay* kellu jittawwal mill-mera, kif qal li għamel, dan kellu wkoll jibqa' jħares mill-mera tul il-ħruġ tiegħu kollu, xi ħaġa li ma jidhirx li għamel għax altrimenti kien jara lill-attur ġej għal fuqu. Il-konvenut lanqas isemmi li għamel sinjal bl-*indicator* biex jindika li kien ħiereġ, u dan żgur minħabba l-ġudizzju inkonsult tiegħu li meta ra t-triq vojta, ippreżuma li ma kellux għalfejn la jagħmel *indicator* u lanqas ikompli jħares mill-mera hu u ħiereġ. Il-konvenut lanqas biss ikkalkula li kellu joħroġ "*with a good margin of safety*" għax kien moħħu mistrieħ li mal-ewwel daqqa t'għajn li ta ma ra lil ħadd ġej. Iżda din mhijiex il-*proper lookout* li kellha tinżamm mill-konvenut tul il-ħruġ tal-vettura tiegħu għat-triq. Effettivament meta l-attur dar fi Triq id-Dolmen ftit 'il bogħod mil-lok tal-ħabta, ma ra ebda karozza bl-*indicator* mixgħul qed turi li ħierġa mill-parkeġġ u sab quddiemu karozza qiegħda ddur b'mod li tant kien istantanju li din il-Qorti hija moralment konvinta li l-attur ma jaħti għall-ebda nuqqas li ma żammx *a proper lookout* u li bl-ebda mod ma kkontribwixxa għall-inċident.

Fis-sentenza fl-ismjiet **Anthony u Melita konjuġi Portelli *vs.* John Cutajar**[43] intqal:

> "O.C. MAZENGARB fil-monografija tiegħu *"Negligence on the Highway"* *jghid* appropożitu li:
>
> *"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which requires a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal of intention to deviate from one's course*

[43] P.A., 16.09.2011.

*…In ordinary circumstances if a driver turns out of and across the line of traffic after giving the usual signal, he acts negligently unless he has reasonable grounds, besides the pure fact of his warning, for believing that he can cut across without endangering approaching traffic."*

Fuq kollox kif ġie wkoll ritenut fis-sentenza fl-ismjiet **Il-Pulizija vs. Francis Schembri**[44]:

> "Hawn ħafna *drivers* li jaħsbu illi meta jkunu ser jaqsmu għal fuq il-lemin tat-triq, biżżejjed li jagħtu sinjal u li b'hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa żball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta' min ikun isuq. Is-sinjal għall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-*driver* li jaqsam it-triq; iżda dan mhux biżżejjed. Biex hu jista' jaqsam, ikun hemm bżonn illi *driver* jaċċerta ruħu illi bil-qasma tiegħu tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu lil traffiku ieħor li jkun hemm fl-istess triq fuq iż-żewġ direzzjonijiet, u meta jkun assikura ruħu b' dan, id-*driver* ikun intitolat li jaqsam it-triq."

Illi hu ovvju li l-konvenut naqas anki milli sempliċement jindika li kien ħiereġ għal ġot-triq u dan għax tul il-manuvra kollha waqt li kien ħiereġ, ma eżerċitax *"a proper lookout*" u ma esplorax tajjeb it-triq mill-ewwel mument li kien ser jagħmel il-manuvra u waqt li kien qed jagħmilha. Illi ġie wkoll ritenut li hu dover tas-sewwieq *"to see what is in plain view"*[45] u li min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *"a proper lookout"*[46].

Il-verżjoni tal-attur hi ferm iktar kredibbli, li effettivament sab lill-konvenut quddiemu b'mod li ma setax jieħu prekawzjoni oħra ħlief li jipprova jevitah u dawwar għal-lemin u spiċċa laqat ir-rota tal-vettura tal-konvenut, apparti li

[44] App. Krim., 26.06.1968.
[45] App. Krim., **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**, 10.08.1932.
[46] App. Krim., **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1961.

f'dik is-sitwazzjoni ta' emerġenza, spiċċa ħabat ma' vetturi li kienu pparkjati mingħajr ebda tort min-naħa tiegħu u minħabba f'hekk il-vettura tal-attur spiċċat inqalbet fuq ġenbha. Kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna:

> "Il-Qorti tifhem li l-konvenut kien qed jimmanuvra fil-*parking spot* fit-triq in kwistjoni u ħareġ mill-parkeġġ ghall-karreġġjata fejn kien għaddej l-attur biex b'hekk ħoloq ostakolu li ma setax jevita.
>
> Il-Qorti hija obbligata li ssib il-*causa prossima* tal-inċident,[47] u fil-fehma tagħha, il-*causa prossima* kienet il-manuvra negliġenti tal-konvenut li wassal il-vettura tiegħħu fil-karreġġjata fejn normalment jgħaddi t-traffiku. Id-difensur tal-atturi jsostni li independentement mil-liema verżjoni l-Qorti taċċetta, il-manuvra ta' *parking* fih innifsu jimponi obbligu fuq is-sewwieq biex joqgħod attent għat-traffiku li jkun ġej fuq il-karreġġjata li qed jinvadi biex jagħmel din il-manuvra. Huwa obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skont *inter alia*, il-viżwali li għandu u l-konfigurazzjoni tat-triq. Sewwieq għandu jżomm prudenza fis-sewqan tiegħu u jżomm "*a proper look out*" il-ħin kollu ghal dak li jkun għaddej fit-triq. Dan għaliex kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu, 2001 fl-ismijiet **il-Pulizija *vs.* Alfonso Abela**:
>
> "Nuqqas ta' "*proper lookout*" u ċjoè nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali jammonta għal sewqan traskurat."
>
> Illi m'hemm l-ebda dubju li l-attur kien miexi fit-triq dritta u kwindi huwa kellu r-*right of way.* Il-konvenut, da parti tieghu, kellu jipprevedi li seta' jgħaddi t-traffiku proprju fil-karreġġjata fejn kien dieħel jew ħiereġ (jew dieħel u ħiereġ biex jiddritta l-vettura tiegħu) biex jipparkja u kellu obbligu li juża l-massima ta' attenzjoni. Kien għalhekk il-konvenut li kkaġuna s-sinistru u għandu jitqies responsabbli tal-inċident."[48]

[47] Ara sentenza **Jesmond Bonello *vs.* Giulio Baldacchino**, Q.A., 15.01.1997 u **Amadeo Mea *vs.* Carmelo Vella,** Q.A., 24.01.1966.
[48] P.A., **GasanMamo Insurance Limited *et vs.* Francis Farrugia**, 15.10.2013.

Tqis illi dan huwa proprju dak illi seħħ fil-każ odjern. Il-kawża prossima tal-inċident mertu tal-kawża kienet in-nuqqas ta' *proper look out* tal-konvenut, in-nuqqas tal-konvenut li jindika permezz tal-*indicator* li kien ħiereġ u l-fatt li l-konvenut tant kien traskurat hu u ħiereġ li lanqas biss induna li kien ser jostakola lill-attur u jġibu fi stat li dan ma setax jevita li jolqot il-vettura tiegħu. Din il-Qorti għal dawn ir-raġunijiet tikkonkludi li r-responsabbilità għall-inċident kienet unikament tal-konvenut.

*Danni sofferti mill-attur*

*Damnum emergens*:

Il-provi li ressaq l-attur tad-danni sofferti minnu ma ġewx ikkontestati mill-konvenut. Dawn id-danni kienu jikkonsistu fis-somma ta' €3,447.61, *shift premiums* li l-attur tilef minħabba *sick leave* li kellu jieħu bejn is-16 ta' Diċembru, 2014 u l-14 ta' Ġunju, 2015 u s-somma ta' €1,006.62 li l-attur tilef mis-salarju tiegħu minħabba *sick leave* fuq nofs paga li kellu jieħu bejn is-7 ta' Mejju, 2015 u t-13 ta' Ġunju, 2015, total ta' €4,454.23.

L-attur ippreżenta wkoll l-irċevuta tal-ħlas lill-kirurgu ortopediku *ex-parte* Jason Zammit fis-somma ta' €240[49], l-irċevuti tal-Isptar St. James Hospital[50] fis-somma totali ta' €146, għas-somma totali ta' €391. L-attur ma ressaq ebda

[49] *A fol.* 23.
[50] *A fol.* 24, tliet irċevuti, waħda għal €55.00 datata 09.05.2015, oħra għal €55.00 datata 09.06.2015 u oħra għal €36 datata 17.02.2016, total ta' €146.00.

provi dwar spejjeż relatati mal-vettura tiegħu u għalhekk d-danni pruvati bħala *damnum emergens* huma fis-somma totali ta' €4,840.23

*Lucrum cessans:*

Fl-ewwel lok din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tvarja l-perċentwali ta' diżabilità permanenti kif ikkonstatata mill-espert mediku, il-kirurgu ortopediku Mr Frederick Zammit Maempel. La saret eskussjoni tal-espert mediku u lanqas ma ntalbet il-ħatra ta' periti perizjuri mill-konvenut. Kif jingħad kostantement fil-ġurisprudenza nostrali, bħala eżempju s-sentenza fl-ismijiet **John Busuttil *et vs.* Tapa Limited**[51]:

> "Il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex ma għandhiex tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta' Ġunju 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja *vs.* Emanuele Muscat *et*** għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu *il giudizio dell'arte* espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunxipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli."

[51] 11.01.2010. Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31.05.2013.

Illi kif ġie affermat ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Edwin Vella *vs.* Joanna Briffa**[52]:

> "Magħmula din l-introduzzjoni, huwa paċifiku illi l-konklużjonijiet peritali u x-xhieda tal-espert tekniku in eskussjoni jikkostitwixxu prova għall-Qorti (Artikolu 644 tal-Kapitolu 12) u, allura bħal materjali istruttorji oħra huma kontrollabbli mill-ġudikant. Ara **Giswarda Bugeja *et vs.* Emanuele Muscat *et***, Appell Ċivili, 23 ta' Ġunju, 1967. Hu minnu illi l-Qorti ma hix marbuta li taċċetta l-konklużjonijet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha (Artikolu 681 tal-Kapitolu 12), però daqstant ieħor hu wkoll konkordament riċevut u aċċettat illi "dan ma jfisserx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raġuni tista' tiskarta konklużjoni ta' perit minnha nominat" (**Anthony Cauchi *vs.* Carmel Mercieca**, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999).
>
> Kif issokta jiġi preċiżat "il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami". (**Philip Grima *vs.* Carmelo Mamo *et nomine***, Appell, 29 ta' Mejju 1998)"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Patricia Pace *et vs.* Alfred Mallia *et***[53] intqal ukoll li:

> "Dwar il-konklużjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru, 2001 fil-kawża **Calleja *vs.* Mifsud** irriteniet li:
>
> "Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta' fatt li kellhom bħala tali jiġu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra però, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex

[52] 18.10.2006 *per* Imħallef Philip Sciberras.
[53] P.A., 30.09.2010.

leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors tal-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika."

*Omissis....*

Għalkemm huwa minnu li l-konklużjonijiet peritali huma bħal materjali istruttorji oħra kontrollabbli mill-ġudikant, tant li kif igħid l-Art. 681 tal-Kap.12, il-Qorti mhix marbuta li taċċetta dawn il-konklużjonijiet kontra l-konvinzjoni tagħha. Fl-istess waqt "dan ma jfissirx però illi l-Qorti tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami" (**Grima *vs.* Mamo *et noe* –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju, 1998**)**. "Jiġifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta' tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni però kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ, mil-lat tekniku. (**Cauchi *vs.* Mercieca –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru, 1999; **Saliba *vs***. **Farrugia** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar, 2000 u **Calleja *noe vs.*** **Mifsud** – Qorti tal-Appell – 19 ta' Novembru, 2001).

"*Il-giudizio dell'arte* espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – (**Bugeja *et vs***. **Muscat *et*** – Qorti tal-Appell – 23 ta' Ġunju, 1967)."

Illi għaldaqstant din il-Qorti ser taddotta perċentwal ta' diżabbiltà permanenti ta' 10% kif ġie kkonstatat u spjegat fir-rapport tal-espert mediku Frederick Zammit Maempel. *Del resto* l-eżami li għamel l-espert mediku u r-rapport tiegħu saru fi żmien aktar reċenti b'mod li setgħu jiġu verifikati b'mod aħjar l-effetti dejjiema li l-inċident tal-14 ta' Diċembru, 2014 ħalla fuq l-attur.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali tal-attur is-somma ta' €32,314. Meta seħħ l-inċident f'Diċembru, 2014 l-attur kellu 50 sena.[54] Ma' dan ser iżżid is-somma ta' €1,000 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier.*

Bħala *multiplier* ser jintuża l-perijodu ta' ħmistax-il sena (15), tenut kont tal-età tal-attur fi żmien l-inċident, tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment, tenut kont ukoll tal-fatt li persuna fl-età tal-attur illum bil-liġijiet tal-pajjiż ser tieħu l-pensjoni ta' 65 sena u taċ-*chances and changes of life*.

Il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* soffert mill-attur b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni għandha ssir b'dan il-mod: €33,314 x 15 x 10% = €49,971. It-tnaqqis għal-*lump sum payment* solitament hu ta' 20%. Għalhekk l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* huwa ta' €39,976.80. B'kollox l-attur sofra danni ta' €4,840.23 bħala *damnum emergens* u €39,976.80 bħala *lucrum cessans,* b'kollox <u>€44,817.03.</u>

[54] Karta ta' Identità tal-attur 176764M.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq esposti il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut bħala mhux mistħoqqa;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fl-14 ta' Diċembru, 2014, fi Triq id-Dolmen, Marsascala u għad-danni li sofra l-attur b'riżultat tal-istess inċident;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma komplessiva ta' erbgħa u erbgħin elf, tmin mija u sbatax-il euro u tliet ċenteżmi (€44,817.03); u**

4. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, tmin mija u sbatax-il euro u tliet ċenteżmi (€44,817.03) in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mil-lum, kontra l-konvenut.**

Moqrija.